**Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council**
73, Triq Sana Maria, Ħal Tarxien. TXN 1704
Tel: 21666688, 21666777
Email: tarxien.lc@gov.mt
Web: www.tarxienlc.com

Minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' għas-sena 2021, li nzammet 43A, *Reach Out Centre-Community Hall*, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien nhar il- Ħamis 7 ta' April 2022, fis-7:00 pm.

**Prezenti :**

Joseph Abela Galea – Sindku (attenda b`mod virtwali)
Darlene Vella Zammit
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier

**Skuzati :**
Thomas Debattista – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Emma Vella – Segretarju Ezekuttiv

| | | |
|---|---|---|
| **01** | **Qari tal-minuti tal-ahhar laqgha** |

01/01 Il- Vici Sindku qrat il-minuti ta' l-ahhar laqgha hekk kif mitlub fl-Att dwar il-Gvern Lokali (KAP 363) Artiklu 70, u spjegat ghalfejn isiru dawn il-laqghat flimkien mar-residenti, filwaqt li rringrazjat lill- kull min attenda.

**02** **Prezentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv-2021**

02/01 Il-Vici Sindku prezentat ir-Rapport Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2021 u spjegat il-hidma li saret mill-Kunsilliera skond id-dekasteri taghhom.

**03** **Prezentazzjoni tal-Estimi finanzjarji għas-sena 2022**

03/01 Il-Vici Sindku prezentat l-Estimi Finazjarji tal-Kunsill Lokali u spjegat l-oggettivi tal-Kunsill sabiex li filwaqt li l-Finanzi jibqghu jitjiebu il-Kunsill jibqgha ghaddej bil-hidma kontinwa ghall-gid tal-lokalita'.

**04** **Prezentazzjoni tal- Pjan ta' Ħidma**

04/01 Il-Vici Sindku prezentat il-Pjan ta' Hidma ghas-sena 2022 u spjegat li apparti mix-xoghol ta'servizzi fil-Komunita` li l-Kunsill obbligat li jipprovdi, inbdew ukoll progetti ohra. Il-Vici Sindku qalet li se jibdew ix-xogholijiet ta` manutenzjoni fi Gnien Joanne, se jigu nstallati bandli godda inkluz bandla tad-dizabilta, restawr tal-Gazebo u sabiex tikkumplienta l-Gnien se ssir struttura tal-injam mill-isbah u se jigi nstallat dawl gdid. Il-Vici Sindku habbret li l-Kunsill ser ikun qed jixtri van tal-elettriku sabiex jaghti servizz lill-anjani li jkunu jridu jaghmlu xi qadi ta` sahha, sigurta socjali u banek fil-lokalita ta` Rahal Gdid, peress li dawn is-servizzi ma jinghatawx go Ħal Tarxien. Il-Vici Sindku kompliet tispjega li se jitranga wkoll il-*5 aside* grawnd, il-gnien tal-madwar u l-bandli sabiex jerggha jidgawada mill-kommunita`.

Il-Vici Sindku infurmat lir-residenti li l-Kunsill se jibqgha japplika ghall- iskemi mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ghall-ghajnuna finanzjarja mir-Regjun Port, flimkien mal- fondi tal-EU u n-Norway Grants. Il-Vici Sindku semmiet il-progetti tar-*Reach Out Centre- Community Hall*, l-iskema tal-*LC Care*, il-progett tal-VR u l-skema tal-*achievers* kollha gew mplimentati b`success. Il Vici Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jitkelmu fuq ix-xogholijiet li gew imwettqa fid-dekasteru taghhom.

| | |
|---|---|
| **05** | **Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-pubbliku** |

05/01 **Suggeriment** – Sabiex jingiebu kotba tal-*brail* fil-librerija tal-Kunsill Lokali u jsir *day care centre* ghall-anzjani fil-lokalita`.

*Il-Vici Sindku rringrazzjat lir-resident u wiegbet li dawn is-suggeriment se jigu diskussi.*

05/02 **Mistoqsija / Ilment** – Sabiex titranga Triq Dockyard.

*Is-Sindku wiegeb li Triq Dockyard, Triq Manuela Buhagiar, Triq Sant` Antnin, Triq Santu Wistin u Triq Lampuka huma skedati li jsiru din is-sena minn Infrastructure Malta.*

05/03 **Ilmenti**– Sabiex tinfeth l-Ghassa tal-Pulizija fil-lokalita`, jitrangaw il-*Gazebos* li qieghdin fil-gonna u jsiru vannijiet li jigbru n-nies mill-*istages* tal-lokalita`.

*Il-Kunsillier s-Sur Christian Pace wiegeb li l-gazebos se jigu trangati u s-Segretarju Ezekuttiv qed jahdem sabiex issir bylaw u l-Kunsill jaghmel uzu minnhom.*

*Il-Kunsilliera irringrazzjaw lir-resident tal-intervent tieghu.*

05/04 **Ilment** – Sabiex jinbidlu t-tabelli tat-traffiku fi Triq Annunzjata ghax ma jidher xejn.

*Is-Sindku wiegeb li dawn it-tabelli se jinbidlu.*

05/05 **Ilment** – Sabiex tinaghta spjegazzjoni ghala ghaddew fondi mill-LESA lill-NGOs tar-rahal.

*Is-Sindku wiegeb li dawn il-fondi li jammontaw ghall-Eur 150,000 inghataw lill-tlitt lokalitajiet li huma Tarxien, Fgura u Paola ghar-raguni li jinghataw aktar citazzjonijiet u sar ftehiem li jinaghatw lill-NGOs irregistrati fi tlitt snin.*

*Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace spjega li kollox qed isir b `serjeta bi progetti pjanati mill-NGOs u gbir tal-kwotazzjonijiet necassarji kif titlob il-ligi.*

*05/06* ***Ilment*** – Sabiex tinaghta aktar informazzjoni fuq il-hinijiet tal-Berga l-gdida.

*Is-Sindku wiegeb li l-Berga tiftah sat-3 ta wara nofs inhar u l-attendenza trid tkun bl-appuntament.*

05/07 Is-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera rringrazzjaw lir-residenti li ghogbhom jattendu ghall-Laqgha Annwali Generali u wrew l- apprezzament ghall-partecipazzjoni u heggu sabiex ghall- aktar suggerimenti, lmenti u mistoqsijiet dawn jistghu jintbghatu fuq l-emejl tal-Kunsill taxien.lc@gov,mt jew isir kuntatt fuq il-linja telefonika 21666688.

Il-laqgha spiccat fit- 8.30pm.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Ezekuttiv